MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2002

Avviz Numru. 59/2002/1

**Fl-atti ta' l-ezekuzzjoni tal-kambjali wara l-ittra ufficjali datata 16 ta' Novembru 2005, fl-ismijiet:**

**Antoine Vassallo (825847M)**

**Vs**

**Anthony Tonna (494356M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li bih l-istess rikorrenti wara li premetta illi r-rikors ta' l-intimat  datat 12 ta' Dicembru 2005, ghalkemm jidher illi gie notifikat lill-esponent, qatt ma ngieb a konjizzjoni tieghu;

Illi jigi umilment rilevat illi opposizzjoni ghall-esekuzzjoni ta' kambjali, a tenur ta' artikolu 253 e tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tista tintalab biss u limitatament minhabba illi l-

firma fuq il-kambjala ma tkunx tal-persuna illi kontriha tkun intalbet l-esekuzzjoni jew ghal ragunijiet ohra gravi u validi;

Illi jigi umilment rilevat, illi l-fatt illi kien hemm xi pendenzi ta' citazzjonijiet fuq vettura ma  tammontax ghal raguni valida u gravi;

Illi jigi rilevat illi dan huwa mertu distint minn dak u hemm azzjonijiet ohra spettanti lill-intimat sabiex jirkupra dak minnu allegat;

Illi fil-fatt l-intimat, ippresenta ittra ufficjali ai termini ta' artikolu 166A ref: 12012/05, illi kopja taghha qed tigi annessa mal-presenti ghal kull buon fini fejn talab il-hlas tac-citazzjonijiet minnu allegati mhallsa;

Illi ghalhekk jirrizulta, illi l-intimat bil-proceduri odjerni, qed jipprova jottjenti helsien mill-obbligu tieghu kif naxxenti mill-kambjali msemmija, u di piu jottjeni titolu esekuttiv koncernati l-istess mertu bi procedura ohra su riferita, talab  lil din l-Onotabbli Qorti tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha fejn ordnat s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni u tawtorizza illi l-esekuzzjoni tal-kambjali titkompla skond il-ligi.

Rat d-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 4 sal fol 14 tal-atti.

Rat ir-risposta tal-intimat fol 15 tal-atti u li biha espona bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok, u minghajr pregudizzju ghas-sottopost, skond l-proviso ta' l-Artikolu 253(e) tal-Kap 12, digriet ta' Qorti li jordna s-sospensjoni ta' kambjala mhux appellabli u ghalhekk ir-rikors ta' l-attur, datat 7 ta' Frar 2006 fejn l-attur talab ir-revoka tad-digriet tal-Qorti li ordnat is-sospensjoni tal-hlas tal-kambjali, ghandu jigi dikjarat null u bla effett.
2. Illi fit-tieni lok, la darba l-attur, gie notifikat bir-rikors precedenti ta' l-esponent datat 12 ta' Dicembru 2005, kif jidher car mill-atti tal-kambjala 11244/05, u

nuqqas milli jirrispondi fiz-zmien stipulat lilu, ghar-ragunijet li hu biss jaf, u liema ragunijiet ma humiex amessibli fil-ligi, ma jistax jigi issa u jghid illi l-istess qatt ma ngiebet a konjizzjoni tieghu. L-attur qed jaghmel minn kollox biex jipprova jizvijja lill-Qorti, infatti anke ghamel mandat esekuttiv kontra l-esponent, fl-istess ismijiet, liema mandat kellu jigi irtirat invista tad-digriet ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati li ordna s-sospensjoni tal-Kambjali.

3. Illi fit-tielet lok, l-kambjala fiha nfisha hija kuntratt, u la darba l-attur, naqas milli jonera l-kuntratt ta' bejgh tal-vettura bejnu u bejn l-esponent fis-sens illi l-esponent spicca kellu jhallas numru konsiderevoli ta' citazzjonijiet li kienu f'isem l-attur, fuq l-istess vettura, l-esponent ghandu kull dritt legali li jwaqqaf il-pagament tal-vettura biex ikun hemm forma ta' tpaccija. Infatti, tpaccija kif qed jitlob l-esponent tammonta ghal estinzjoni ta' parti mill-hlas tal-kambjala. Fil-kawza fl-ismijiet, Pullicino Paul vs Camilleri George et (Prim'Awla tal-Qorti Civili 31 ta' Lulju 2003), il-Qorti ddikjarat illi "Il-kumpensazzjoni, bhala pagament jew il-mahfra **<u>totali jew parzjali tal-ammont kambjarju</u>**, hija wahda minn dawn l-eccezzjonijiet personali kapaci li jimmodifikaw jew jeskludu, skond il-kazi, l-esercizju tal-istess azzjoni kambjarja".

4. Illi l-fatt illi l-esponent ghamel ittra ufficjali, ghal hlas ta' sitt mija u erbghin lira (Lm640) ma jmurx kontra t-talba ghas-sospensoni tal-kambjala stante illi l-esponent ghamel hekk sabiex jakkwista titolu esekuttiv, u b'hekk ikun jista' jsahhah it-talba tieghu ghal tpacija.

5. Illi l-fatt illi hemm kwistjoni pendenti bejn l-esponent u l-attur fuq il-hlas ta' citazzjonijiet fuq il-vettura, u dan ghar-ragunijiet sottomessi, din hija raguni valida u gravi bizzejjed, sabiex l-esponent jitlob l-ezekuzzjoni ta' l-istess kambjali.

Talab lill-Qorti sabiex tikkonferma d-digriet datat 9 ta' Jannar 2006, liema digriet ordna s-sospensjoni tal-hlas tal-kambjali.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, mill-provi prodotti, irrizultaw is-segwenti:-

a. L-intimat odjern, permezz ta' ittra ufficjali presentata fis-16 ta' Novembru 2005, kien interpella lir-rikorrenti, a basi tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jhallas is-somma ta' Lm787.41 import ta' disa' kambjalijiet annessi mal-istess ittra u dan sabiex jirrendi l-istess kambjaljiet bhala titoli esekuttivi (ara fol 4 tal-atti). Abasi tal-istess artikolu citat u kif jinghad fl-istess ittra ufficjali, ir-rikorrenti kellu zmien ghoxrin (20) gurnata sabiex jopponi permezz ta' rikors l-esekuzzjoni tal-istess kambjalijiet a basi tal-kawzalijiet specifikati.
b. Difatti r-rikorrenti ppresenta l-imsemmi rikors fit-12 ta' Dicembru 2006, korrettament 2005, (fol 8 u 9 ibid) u l-Qorti kif diversament presjeduta kienet ordnat s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-istess ittra ufficjali "de quo" u dan ghar-<u>risposta</u> skond il-ligi (fol 13 ibid). Sussegwentement, f'digriet finali (fol 14 ibid) l-istess Qorti, kif diversament presjeduta kienet, wara li rat <u>ir-rifera posittiva</u> tan-notifika tar-rikorrenti u li dan ma rrispondiex fiz-zmien lilu koncess, kienet laqghet it-talba tal-intimat odjern u ordnat is-<u>sospensjoni</u> mitluba.
c. Pero' r-rikorrenti intavola dan ir-rikors u qed jitlob ir-revoka 'contrario imperio' tal-imsemmi digriet finali ghar-ragunijiet specifikati fl-istess rikors u kif hawn fuq premess.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward din il-vertenza, ghandhom jigu u ser jigu konsiderati s-segwenti fatti:-

a) Skond l-artikolu 253(e) hemm fuq citat id-digriet li bih il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni ta' kambjala jew kambjalijiet <u>ma hux appellabbli</u> u din il-Qorti qed tara li r-rikors in esami hu <u>fis-sustanza</u> tentattiv da parti tar-rikorrenti sabiex jappella mid-digriet li tieghu qed tintalab ir-revoka 'contrario imperio'.
b) Il-Qorti li tat id-digriet finali kienet ordnat in-notifika tar-rikors presentata mill-intimat odjern bi zmien skond il-ligi ghar-risposta u wara li rat li l-istess rikors kien gie notifikat lir-rikorrenti odjerni minghajr xi risposta da parti tieghu,

kienet ordnat is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-istess kambjalijiet. Dwar dan il-punt ir-rikorrenti jikkontendi illi, filfatt, ir-rikors u digriet preliminari ma kienux gew notifikati lilu. Pero' fuq dan il-punt, l-istess rikorrenti (fol 21 tal-atti) xehed illi, avolja l-firma fuq il-'pink card' ma kienetx tieghu u ma kienx jaf "… ta' min hi din il-firma" , in-numru hemm imnizzel ta' karta tal-identita kien tieghu. Inoltre Mark Galea stazzjonat fil-fergha tal-posta tar-Rabat (fol 28 et seq ibid) spjega kif ittri registrati jigu konsenjati lill-intimat bi ftehim mieghu. Inoltre hu gharaf fuq l-imsemmija 'pink card' il-firma tieghu 'fuq in-naha tal-lemin' waqt li fuq in-naha tax-xellug taghha, kien hemm numru ta' karta tal-identita miktub minnu stess '… wara li vverifikajtu minn fuq l-I.D. Card' . Dwar dan il-Qorti hi sodisfatta illi r-rikors, in kwistjoni, bid-digriet preliminari tal-Qorti, kien gie notifikat lir-rikorrenti a basi tal-procedura mifthema bejnu u l-Posta, kif spjega Mark Galea, li fl-ahhar tax-xhieda tieghu qal, testwalment "Neskludi illi jiena qatt tajt xi ittra lil xi hadd li ma urinix, jew jiena ma rajtx, l-I.D. Card tieghu".
c) Jigi rilevat illi fil-fehma ta' din il-Qorti, hu sufficjenti, a basi tal-artikolu 253(e) citat, illi jigi presentat ir-rikors imsemmi fl-istess artikolu kontenenti l-kambjalijiet specifikati fl-istess artikolu sabiex il-Qorti tista' tordna is-sospensjoni tal-esekuzzjoni ta' kambjala jew kambjalijiet. Difatti fl-istess artikolu ma hemm xejn li jghid illi tali rikors ghandu jigi notifikat lill-kontro parti, bi zmien ghar-risposta jew opposizzjoni.

Ikkunsidrat

Illi a basi ta' dak kollu premess, jidher li it-talba in esami ma tistax tigi akkolta w ir-rikorrent, ghalhekk, ghandu jipprocedi b'kawza skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba in esami bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------